TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/215/17/S

Charles Falzon
vs
Float Glass Limited

Illum, 4 t'Ottubru, 2018.

It-Tribunal:
Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrent ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2017 u ra li ma ġietx ippreżentata ebda risposta minkejja li fis-seduta tat-22 ta' Frar 2018, it-Tribunal, fuq talba tas-soċjetà intimata, awtorizzaha tippreżenta risposta sa ġimgħa mit-22 ta' Frar 2018;
Ra li għalkemm fis-seduta tat-26 ta' Lulju 2018 deher Ivan Zammit għas-soċjetà intimata, sa dakinhar ma ġietx ippreżentata ebda risposta;
Ra d-dokumenti kollha ippreżentati, sema' l-partijiet u x-xhieda prodotta minnhom kif ukoll it-trattazzjoni finali li saret fis-26 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidra:
Illi r-rikorrent talab l-ammont ta' seba' mija u sebgħa u tletin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€737.81) u spjega li s-soċjetà intimata kienet installat *skylight* li wara inqas minn tlett xhur, żviluppat qasma.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2018, ir-rikorrent xehed li l-qasma ("*crack*") bdiet tidher wara madwar sitt xhur mill-installazzjoni jew inqas u żied li hu ma kien għamel ebda xogħol fuqha u lanqas kien waqa' xi oġġett fuqha li għamel xi ħsara. Falzon kompla jixhed li hu mar għand is-soċjetà intimata li l-ewwel qalulu li ma kellux garanzija u meta fl-aħħar bagħtu lil xi ħadd, dan qallu biss li billi l-qasma kienet fil-ħġieġa tan-nofs, huwa ma setax jispjega kif din ġrat.

Illi min-naħa tas-soċjetà intimata, xehed Ivan Zammit (direttur tas-soċjetà intimata) fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2018. Dan xehed li wara li s-soċjetà intimata bagħtet l-installatur biex jeżamina l-kawża tal-ilment, dan irrapporta lura li kienu saru xi xogħlijiet fuq il-ħġieġa u abbażi ta' dan, Zammit spekula li aktarx telgħu xi nies fuqha.

Illi x-xhud Ivan Zammit irraġuna li kieku r-rikorrent ma kienx sodisfatt bit-twaħħil tal-i*skylight*, dan ma kienx ser iħallas. Għalhekk, f'għajnejn Zammit, il-fatt li r-rikorrent ħallas kien ifisser li kien sodisfatt. Għalhekk, Zammit ma ħassx li seta' jagħti xi garanzija ladarba l-i*skylight* kienet twaħħlet. Zammit żied li kieku l-ħġieġa kienet imkissra mill-bidu, ir-rikorrent ma kienx iħallas u inoltre, kieku l-installazzjoni kienet ħażina jew il-ħġieġa kellha xi difett, il-ħġieġa kienet tinkiser minnufih u mhux wara madwar sitt xhur.

Illi t-Tribunal josserva li l-persuna idonea biex tixhed kienet tkun dik il-persuna li installat il-ħġieġa u li spezzjonatha wara l-ilment. Fil-fehma tat-Tribunal, l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega, u dan kif stabbilit mill-qrati tagħna.

Illi dan l-ilment sar wara sitt xhur, u għalhekk mhux il-każ li l-i*skylight* u l-komponenti tagħha kienu difettużi *ab initio*. Sabiex it-talba tar-rikorrent tkun milqugħa, irid ikun ippruvat mhux biss li r-rikorrent m'għamel ebda ħsara, iżda li l-iżvilupp tal-qasma kien b'xi mod ħtija tas-soċjetà intimata. Għall-kuntrarju, fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent essenzjalment qal li hu m'għamel ebda ħsara lill-i*skylight* iżda ma ġab ebda prova li l-ħsara kienet ħtija tas-soċjetà intimata. Anki jekk ir-rikorrenti xehed li hu ma wettaq ebda xogħlijiet fuq l-i*skylight* u ma messha b'ebda mod, m'hemmx provi li jwasslu lil dan it-Tribunal sabiex ikun konvint li hemm xi ħtija li tista' tiġi attribwita lis-soċjetà intimate anki minhabba t-trapass taz-zmien.

Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad t-talba tar-rikorrent.
It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru